MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## MIZZI ANTONIO LL.D.

Seduta ta' 07 ta' Ottubru, 2002

Numru. 419/2002

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Johan Sultana, iben Martin,
imwieled Pieta' fl-4 ta' jannar, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-12 ta' mejju, 2002 bejn it-3.45 a.m. u l-4.10 a.m. ġewwa Triq san Ġorġ, Pjazza Qalb ta' Ġesu u ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan attakka u għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' kontra PS621 P. Calleja, PS78 J. Cremona,

PC404 Paul Camilleri, PC463 J. Farrugia u PS69 J. Cremona;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u taħt l-istess ċirkostanzi nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' uħud inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizzm jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' PS621 P. Calleja, PS78 J. Cremona, PC404 Paul Camilleri, PC463 J. Farrugia u PS69 J. Cremona;
3. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi ta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-għaxar liri maltin (Lm10) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u cioe' qatta l-uniformi ta' PC265;
4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi ta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-għaxar liri maltin (Lm10) għad-dannu ta' PC463 J. Farrugia meta kisser l-arloġġ tiegħu;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u bi ġlied;
6. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtoritajiet jew ta' persuni li jkunu nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor indaħal fi dmirijiet tagħhom, billi ma ħalliex lil min hu nkarigat jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew jistgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuni ta' PS621 P. Calleja, PS78 J. Cremona, PC404 Paul Camilleri, PC463 J. Farrugia u PS69 J. Cremona dawk
il-kondizzjonijiet li jidrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta ma l-imputat bħala reċidiv u li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tas-6 ta' diċembru,

2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' ottubru, 2002 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li
d-danni li sofra l-Gvern ta' Malta huma ta' għaxar liri maltin (Lm10) u id-danni li sofra PC463 J. Farrugia huma ta' tletin liri maltin (Lm30).

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' ottubru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 95, 96, 325(ċ), 338(dd)(ee), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' erba'snin mil-lum, jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Wara li rat
l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' għoxrin liri maltin (Lm20) danni lill-Gvern ta' Malta u tletin liri maltin (Lm30) danni lill-PC 463 J. Farrugia fi żmien tletin ġurnata mil-lum.